

32002R1921

29.10.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 293/9

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1921/2002

tat-28 ta' Ottubru 2002

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3149/92 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar il-provvista ta' ikel minn ħażniet ta' intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar nieqsa minn kumditajiet fil-Komunità**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

L-Artikolu 1

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3730/87 ta' l-10 ta' Diċembru 1987 li jstabbilixxi r-regoli ġenerali għall-provvista ta' l-ikel minn ħażniet ta' intervent lil organizzazzjonijiet nominati għad-distribuzzjoni lil persuni l-aktar nieqsa minn kumditajiet fil-Komunità<sup>(1)</sup>, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2535/95<sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 6 tiegħu,

Ir-Regolament (KEE) Nru 3149/92 huwa emendat kif ġej:

1. it-tieni subparagrafu li ġej jiżded ma' l-Artikolu 3(1):

“L-irtirar tal-prodotti mill-ħażniet ta' intervent għandu jsir mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Awwissu tas-sena ta' wara.”;

2. L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“L-Artikolu 5

1. Għall-finijiet ta' kontijiet tas-sezzjoni ta' Garanziji ta' l-FAEGG, u minkejja d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1883/78<sup>(\*)</sup>, il-valur fil-kontijiet tal-prodotti disponibbli ta' intervent taħt dan ir-Regolament għandu jkun il-prezz ta' intervent applikabbli fl-1 ta' Ottubru ta' kull sena.

Fil-każ taċ-ċanga, il-valur fil-kontijiet tal-prodotti disponibbli għandu jkun il-prezz ta' intervent applikabbli fit-30 ta' Ġunju 2002. Dak il-prezz għandu jkun suġġett għall-koeffiċjenti preskritti fl-Anness.

Għall-Istati Membri li ma adottawx l-euro, il-valur fil-kontijiet tal-prodotti ta' intervent għandhom jkun konvertit fil-munita nazzjonali bir-rata tal-kambju applikabbli fl-ewwel ta' Ottubru.

2. Fejn prodotti ta' intervent ikunu trasferiti minn Stat Membru għall-ieħor, l-Istat Membru li jkun qed iforni għandu jirreġistra l-prodott fornit bħala entrata b'figura ta' zero u l-Istat Membru destinatariju għandu jirreġistrah bħala rċevuta fix-xahar li jkun intbagħat, u juża l-prezz ikkalkolat skond il-paragrafu 1.

(\*) ĠU L 216, tal-5.8.1978, p. 1.”;

3. L-Artikolu 8 huwa b'dan imħassar.

L-Artikolu 2

Billi:

(1) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3149/92<sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1098/2001<sup>(4)</sup>, jiddisponi li l-implimentazzjoni tal-pjan annwali għad-distribuzzjoni ta' prodotti ta' l-ikel lil persuni l-aktar nieqsa minn kumditajiet għandu jibda mill-1 ta' Ottubru sat-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara. Bl-għan ta' amministrazzjoni tajba tal-ħażniet ta' l-intervent, għandha ssir dispożizzjoni biex jiġi żgurati li l-prodotti għad-distribuzzjoni jkunu ritirati mill-ħażniet ta' intervent sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu tas-sena tad-distribuzzjoni.

(2) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92 jstabbilixxi l-valur fil-kontijiet tal-prodotti disponibbli. Din id-dispożizzjoni għandha tkun adattata biex jitqies it-tibdil fl-iskema ta' l-intervent li taffettwa l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċanga u l-vitella.

(3) L-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 3149/92 għandu jiġi mħassar, għaliex ma għadux japplika minħabba li l-ispejjeż tat-trasport ikkonċernati huma rimborsati fuq il-bażi ta' l-infieq li jkun sar.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni kkonċernati,

<sup>(1)</sup> ĠU L 352, tal-15.12.1987, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 260, tal-31.10.1995, p. 3.

<sup>(3)</sup> ĠU L 313, tat-30.10.1992, p. 50.

<sup>(4)</sup> ĠU L 150, tas-6.6.2001, p. 37.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Ottubru 2002.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-28 ta' Ottubru 2002.

*Għall-Kummissjoni*  
Franz FISCHLER  
*Membru tal-Kummissjoni*

---